Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,173, 18 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 80 tal-2019

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(KAP. 437)

Regoli tat-2019 dwar Miżuri
għall-Kontroll tal-Marda Newcastle

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5(1) u (2) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2019 dwar Miżuri għall-Kontroll tal-Marda Newcastle.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli huwa t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/66/EEC li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle, kif emendata permezz tad-Direttiva (EU) 2018/597 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018.

(3) Dawn ir-regoli jistabbilixxu miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu applikati f'każ li tfaqqa' l-marda Newcastle fit-tjur, ħamiem tat-tlielaq u għasafar oħra miżmuma fil-kaptività.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, sakemm il-kuntest ma jitlobx xort'oħra, għandhom japplikaw kif adegwat it-tifsiriet misjuba fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/EC tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi.

(2) Għandhom japplikaw ukoll it-tifsiriet li ġejjin:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji; Kap. 437.

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji kif imwaqqaf bl-artikolu 2 tal-Att;

"barumbara" tfisser kwalunkwe installazzjoni użata biex jinżammu jew jitnisslu ħamiem tat-tlielaq;

"id-Direttiva" tfisser Direttiva tal-Kunsill 92/66/EEC kif emendata bid-Direttiva (EU) 2018/597;

"ħamiem tat-tlielaq" tfisser kwalunkwe ħamiema ttrasportata jew intenzjonata għat-trasport mill-barumbara tagħha għal kwalunkwe destinazzjoni oħra;

"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" tfisser il-kumitat li għalih issir referenza fl-Artikolu 25 tad-Direttiva;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"il-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea" tfisser il-Laboratorju msemmi fir-regola 15;

"*swill*" tfisser l-iskart minn kċejjen, ristoranti jew, fejn adegwat, minn industriji li jużaw il-laħam;

"tjur infettati" tfisser kull tajr li fihom il-preżenza tal-marda Newcastle tkun ġiet uffiċjalment ikkonfermata wara eżami minn laboratorju approvat, jew fil-każ li tfeġġ għat-tieni darba jew sussegwentement, li fihom is-sintomi kliniċi jew il-leżjonijiet *post-mortem* konsistenti mal-marda Newcastle jkunu preżenti;

"tjur issuspettati li jkunu infettati" tfisser kwalunkwe tjur li juru sinjali kliniċi jew leżjonijiet *post-mortem* li jkunu tali li l-preżenza tal-marda Newcastle tista' raġonevolment tkun issuspettata;

"tjur issuspettati li jkunu kkontaminati" tfisser xi tjur li setgħu kienu direttament jew indirettament esposti għall-*virus* tal-marda Newcastle;

"unità ta' kriżi" tfisser it-Taqsima għas-Saħħa tal-Annimali fi ħdan l-awtorità kompetenti.

"veterinarju uffiċjali" tfisser Veterinarju bil-warrant fi ħdan l-awtorità kompetenti.

Non-applikabbiltà.

3. Dawn ir-regoli m'għandhomx japplikaw meta l-marda Newcastle tkun tinsab f'għasafar salvaġġi li jgħixu fil-libertà. F'dawn il-każijiet, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni b'kull miżura li hija tieħu.

Rekwiżiti tan-notifika.

4. (1) Meta tjur f'qasam ikunu ssuspettati li huma infettati jew ikkontaminati bil-marda Newcastle, il-veterinarju uffiċjali għandu immedjatament jattiva arranġamenti għal investigazzjoni uffiċjali biex jikkonferma jew jiddikjara li ma hemmx il-preżenza tal-marda u, għandu partikolarment, jieħu l-kampjuni meħtieġa għal eżami f'laboratorju.

(2) Malli l-infezzjoni ssuspettata tkun innotifikata, l-awtorità kompetenti għandha tqiegħed il-qasam taħt sorveljanza uffiċjali u partikolarment għandu jkollha s-setgħa li tordna li:

(a) jinżamm rekord tal-kategoriji kollha ta' tjur f'dak il-qasam li juri fir-rigward ta' kull kategorija n-numru ta' tjur li jkunu mietu, li juru sinjali kliniċi, u li ma jkunu juru l-ebda sinjali. Ir-rekord għandu jinżamm aġġornat biex jinkludi għasafar imwielda jew li jkunu mietu matul il-perjodu li fih ikun hemm is-suspett. Id-dettalji fir-rekord għandhom jinżammu aġġornati u jkunu prodotti meta jkun hemm talba għal dan, u jistgħu jiġu vverifikati f'kull żjara;

(b) it-tjur kollha f'dak il-qasam jiġu miżmuma fil-gaġeġ tagħhom jew magħluqa f'xi post ieħor fejn jistgħu jkunu iżolati u mingħajr kuntatt ma' tjur oħra;

(ċ) l-ebda tjur ma jidħlu jew iħallu l-qasam;

(d) l-moviment kollu;

(i) ta' persuni, annimali oħra u vetturi lejn u mill-qasam,

(ii) ta' laħam jew karkassi ta' tjur, jew ta' għalf tal-annimali, għodda, skart, ħmieġ, demel jew kull ħaġa oħra li tista' titrażmetti l-marda Newcastle għandhom ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(e) l-ebda bajd m'għandu jħalli l-qasam bl-eċċezzjoni ta' bajd mibgħut direttament lejn stabbiliment approvat għal manifattura u/jew proċessar ta' prodotti tal-bajd (skont listi magħmula mill-awtorità kompetenti) u ttrasportati taħt awtorizzazzjoni li tkun ġiet mogħtija mill-awtorità kompetenti. Tali awtorizzazzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti pprovduti fl-Ewwel Skeda;

(f) mezzi xierqa ta' diżinfezzjoni jiġu installati fid-dħul u l-ħruġ ta' bini fejn jinżammu t-tjur u tal-qasam nnifsu;

(g) tiġi mwettqa inkjesta epiżotjoloġika skont ir-regola 7.

(3) Sa dak iż-żmien meta l-miżuri uffiċjali pprovduti fis-subregola (2) jiġu infurzati, is-sid jew dak li jieħu ħsieb ta' xi tjur li fihom ikun hemm suspett tal-marda, għandu jieħu kull azzjoni raġjonevoli biex jiżgura konformità mas-subregola (2), ħlief għal inkjesta epiżotjoloġika.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tapplika kwalunkwe mill-miżuri pprovduti fis-subregola (2) fir-rigward ta' oqsma oħra, kemm-il darba l-post fejn ikunu jinsabu, il-konfigurazzjoni tagħhom jew kuntatti mal-qasam fejn il-marda tkun issuspettata, joħolqu raġuni biex tiġi ssuspettata l-possibbilità ta' kontaminazzjoni.

(5) Il-miżuri li għalihom issir referenza fis-subregoli (1) u (2) m'għandhomx jiġu mneħħija sakemm is-suspett tal-marda Newcastle jkun ġie eliminat mill-veterinarju uffiċjali.

Proċeduri.

5. (1) Ladarba l-preżenza tal-marda Newcastle fit-tjur tkun uffiċjalment ikkonfermata f'xi qasam, l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tordna li jittieħdu l-miżuri segwenti:

(a) it-tjur kollha f'dak il-qasam għandhom mingħajr dewmien jinqatlu fuq il-post u t-tjur li jkunu mietu jew li kienu ġew maqtula u l-bajd kollu jiġi meqrud. Dawn l-operazzjonijiet għandhom jitwettqu b'tali mod li jiġi mminimizzat ir-riskju tat-tixrid tal-marda;

(b) kwalunkwe sustanza jew skart, bħalma huwa l-għalf tal-annimali, ħmieġ jew demel li huwa suxxettibbli li jiġi kkontaminat għandu jkun meqrud jew trattat b'mod adegwat skont struzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali biex tiġi żgurata l-qerda tal-*virus* tal-marda Newcastle li jkun preżenti;

(ċ) meta tjur mill-qasam ikunu ġew maqtula matul il-preżunt perjodu ta' inkubazzjoni tal-marda, il-laħam minn dawk it-tjur għandu kull meta jkun possibbli jiġi identifikat u meqrud;

(d) bajd għat-tifqis li jkun inbied matul il-perjodu preżunt ta' inkubazzjoni u li jkun ġie mċaqlaq mill-qasam għandu jiġi identifikat u meqrud; imma t-tjur li jkunu diġà faqqsu mill-bajd għandhom jitqiegħdu taħt sorvejlanza uffiċjali; bajd tal-mejda li jkun inbied matul il-perjodju preżunt ta' inkubazzjoni u li jkun ġie mċaqlaq mill-qasam għandu, kull meta dan ikun possibbli, jiġi identifikat u meqrud, sakemm dan ma jkunx diġà ġie diżinfettat kif meħtieġ;

(e) wara li jitwettqu l-operazzjonijiet elenkati taħt il-paragrafi (a) u (b), il-bini użat biex jinżammu t-tjur, l-inħawi tal-madwar, il-vetturi użati għat-trasport u t-tagħmir kollu li x'aktarx ikun ikkontaminat għandu jiġi mnaddaf u diżinfettat skont id-dispożizzjonijiet tar-regola 11;

(f) l-ebda tjur m'għandhom jiġu introdotti mill-ġdid fil-qasam sa mill-anqas wieħed u għoxrin (21) jum wara l-kompletar tal-operazzjonijiet kif provdut fil-paragrafu (e);

(g) għandha titwettaq inkjesta epiżotjoloġika skont ir-regola 7.

(2) L-awtorità kompetenti tista' testendi l-miżuri pprovduti fis-subregola (1) għal oqsma oħra fil-qrib jekk il-post fejn jinsabu, il-konfigurazzjoni tagħhom jew kwalunkwe kuntatti mal-qasam fejn il-marda tkun ġiet ikkonfermata, joħolqu raġuni biex tiġi ssuspettata l-possibbilità ta' kontaminazzjoni.

(3) Meta varjazzjoni tal-*virus* tal-marda Newcastle bi ICPI (indiċi intraċerebrali ta' patoġeniċità*)* akbar minn 0,7 u iżgħar minn 1,2 tkun iżolata f'merħla tat-tjur, ma tippreżenta l-ebda sinjali kliniċi tal-marda Newcastle u jkun ġie muri mil-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li għalih issir referenza fir-regola 15, li l-*virus* iżolat f'dak il-każ ikun ġej minn vaċċina ħajja attenwata tal-marda Newcastle, l-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga mir-rekwiżiti taħt il-paragrafi (a) sa (f) tas-subregola (1), kemm-il darba l-qasam ikkonċernat jitqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali għal tletin (30) jum u jkun meħtieġ partikolarment li:

(a) id-dispożizzjonijiet tar-regola 4(2) (a), (b), (d) (e) u (f) jiġu applikati;

(b) l-ebda tjur ma jkunu jistgħu jħallu l-qasam ħlief biex jittieħdu direttament lejn biċċerija identifikata mill-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti responsabbli għal din il-biċċerija għandha tkun informata bl-intenzjoni li jintbagħtu tjur hemmhekk għall- qatla u malli t-tjur jaslu fil-biċċerija dawn għandhom jinżammu u jiġu maqtula separatament minn tjur oħra.

(5) Il-laħam frisk tat-tjur li għalih issir referenza fis-subregola (3) għandu jkollu identifikazzjoni skont Anness II, Taqsima I tar-Regolament (UE) 853/2004.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subregola (3) għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni b'qies għal żviluppi fir-riċerka xjentifika, bil-għan li jiġu adottati regoli armonizzati għall-użu ta' vaċċini tal-marda Newcastle fl-Unjoni Ewropea.

6. Fil-każ ta' oqsma li jikkonsistu f'żewġ merħliet jew aktar isseparati, l-awtorità kompetenti tista', bi qbil mal-kriterji pprovduti mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, tagħti deroga mir-rekwiżiti tar-regola 5, għal merħliet b'saħħithom ta' qasam li jkun infettat, kemm-il darba l-veterinarju uffiċjali jkun ikkonferma li l-operazzjonijiet imwettqa hemmhekk ikunu tali li l-merħliet ikunu kompletament isseparati f'dak Deroga..

li jirrigwarda l-abitazzjoni, iż-żamma u l-għalf, sabiex il-*virus* ma jkunx jista' jinxtered minn merħla għal oħra.

Proċedura għal inkjesta epiżotjoloġika.

7. L-inkjesta epiżotjoloġika għandha titratta:

(a) it-tul taż-żmien li matulu l-marda Newcastle setgħet kienet eżistenti fil-qasam jew fil-barumbara;

(b) il-possibiltà tal-oriġini tal-marda Newcastle fil-qasam jew fil-barumbara u l-identifikazzjoni ta' oqsma jew barumbari oħra li fihom hemm tjur, ħamiem jew għasafar oħra miżmuma fil-kaptività li jistgħu jkunu ġew infettati jew ikkontaminati mill-istess sors;

(ċ) il-moviment ta' persuni, tjur, ħamiem jew għasafar oħra miżmuma fil-kaptività jew annimali oħra, vetturi, bajd, laħam u karkassi u kwalunkwe għodda jew sustanza li x'aktarx ikunu ġarrew il-*virus* tal-marda Newcastle lejn jew mill-qasam jew barumbara inkwistjoni.

L-unità ta' kriżi.

8. L-unità ta' kriżi għandha tipprovdi koordinazzjoni sħiħa tal-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-eradikazzjoni tal-marda Newcastle malajr kemm jista' jkun u sabiex titwettaq l-inkjesta epiżotjoloġika.

Oqsma taħt kontroll uffiċjali.

9. (1) Meta l-veterinarju uffiċjali jkollu raġuni biex jissuspetta li t-tjur f'xi qasam jista' jkun ġie kkontaminat bħala riżultat tal-moviment ta' persuni, annimali jew vetturi jew b'xi mod ieħor, dak il-qasam għandu jitqiegħed taħt kontroll uffiċjali skont is-subregola (2).

(2) L-iskop tal-kontroll uffiċjali għandu jkun dak li wieħed jintebaħ minnufih b'xi suspett tal-marda Newcastle, jgħodd it-tjur u jagħmel monitoraġġ tal-movimenti u, fejn xieraq, biex jieħu l-azzjoni stabbilita fis-subregola (3).

(3) Meta qasam ikun suġġett għal kontroll uffiċjali taħt is-subregoli (1) u (2), l-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi t-tneħħija tat-tjur mill-qasam, għajr għal trasport direttament lejn biċċerija taħt superviżjoni uffiċjali għall-iskop ta' qtil immedjat. Qabel ma jagħti din l-awtorizzazzjoni, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq eżami kliniku fuq it-tjur kollha biex jeskludi l-preżenza tal-marda Newcastle fuq il-qasam. Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment imsemmija f'din ir-regola għandhom jiġu imposti għal perjodu ta' wieħed u għoxrin (21) jum mill-aħħar data ta' kontaminazzjoni potenzjali; madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw għal perijodu mill-anqas ta' sebgħat (7) ijiem.

(4) Fejn tqis li l-kondizzjonijiet jippermettu, l-awtorità kompetenti tista' tillimita l-miżuri misjuba f'din ir-regola għal parti tal-qasam u għat-tjur li jkunu jinsabu hemmhekk, kemm-il darba dawn it-tjur ikunu ġew miżmuma, inżammu u ġew mitmuma kompletament u separatament minn impjegati oħra.

(5) Meta l-veterinarju uffiċjali jkollu raġuni biex jissuspetta li ħamiem tat-tlielaq jew xi barumbara jkunu ġew kontaminati mil-*virus* tal-marda Newcastle, għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-barumbara tkun suġġetta għal restrizzjonijiet, inklużi restrizzjoni fuq il-moviment ta' ħamiem tat-tiġrija 'l barra mill-barumabara għal wieħed u għoxrin (21) jum.

Miżuri.

10. (1) Ladarba d-dijanjożi tal-marda Newcastle tkun ġiet uffiċjalment ikkonfermata fit-tjur, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi, madwar il-qasam infettat, żona ta' protezzjoni ibbażata fuq raġġ minimu ta' tliet (3) kilometri, li għandha tkun hija stess miżmuma f'żona ta' sorveljanza bbażata fuq raġġ minimu ta' għaxar (10) kilometri. L-istabbiliment taż-żona għandu jqis l-fatturi ġeografiċi, amministrattivi, ekoloġiċi u epiżotjoloġiċi relatati mal-marda Newcastle, u tal-faċilitajiet ta' monitoraġġ.

(2) Il-miżuri applikati fiż-żona ta' protezzjoni għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-oqsma kollha li jkollhom tjur f'dik iż-żona;

(b) żjajjar perjodiċi fl-oqsma kollha li jkollhom it-tjur, eżami kliniku ta' dawk it-tjur, inklużi, jekk meħtieġ, il-ġbir ta' kampjuni għal eżami fil-laboratorju; għandu jinżamm rekord taż-żjajjar u s-sejbiet;

(ċ) iż-żamma tat-tjur kollha fil-kwartieri tal-abitazzjoni tagħhom jew f'xi post ieħor fejn dawn jistgħu jiġu iżolati;

(d) l-użu ta' mezzi xierqa ta' diżinfezzjoni fid-dħul u l-ħruġ tal-qasam;

(e) il-kontroll ta' movimenti jew persuni li jmissu mat-tjur, karkassi tat-tjur u bajd u vetturi li jġorru t-tjur, karkassi u bajd fiż-żona; b'mod ġenerali, it-trasport tat-tjur għandu jkun ipprojbit;

(f) projbizzjoni fuq it-tneħħija ta' tjur u bajd għat-tifqis mill-qasam li fih ikunu miżmuma, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx awtorizzat it-trasport:

(i) ta' tjur għall-qatla immedjata lejn biċċerija li preferibbilment tkun tinsab fiż-żona infettata jew, jekk dan ma jkunx possibbli, lejn biċċerija, identifikata mill-awtorità kompetenti, 'il barra miż-żona infettata;

(ii) ta' flieles ta' jum wieħed (1) jew ta' għewietaq lejn qasam fiż-żona ta' sorveljanza fejn ma jkunx hemm tjur oħra. Madankollu, l-awtorità kompetenti, tista' tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dawn il-flieles ta' jum wieħed (1) u l-għewietaq jiġu trasportati lejn qasam 'il barra miż-żona ta' sorveljanza. L-oqsma msemmija aktar 'il fuq għandhom jitpoġġew taħt kontroll uffijċali skont ir-regola 9(2);

(iii) ta' bajd għat-tifqis lejn post identifikat għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti; qabel ma jintbagħtu, il-bajd u l-ippakjar tagħhom għandhom jiġu ddiżinfettati:

Iżda il-movimenti permessi taħt is-subparagrafi (i), (ii) u (iii) għandhom jiġu direttament eżegwiti, taħt kontroll uffiċjali. Dawn għandhom jiġu awtorizzati biss wara li l-veterinarju uffiċjali jkun wettaq spezzjoni dwar is-saħħa tal-qasam. Il-mezzi tat-trasport użati għandhom jiġu mnaddfa u ddiżinfettati qabel u wara l-użu;

(g) projbizzjoni fuq it-tneħħija jew it-tixrid ta' skart użat jew demel tat-tjur mingħajr awtorizzazzjoni;

(h) il-projbizzjoni ta' fieri, swieq, wirjiet u aggregazzjonijiet oħra ta' tjur u għasafar oħra.

(3) Il-miżuri applikati fiż-żona ta' protezzjoni għandhom jinżammu għal mill-anqas wieħed u għoxrin (21) jum wara li jitwettqu l-operazzjonijiet preliminari ta' tindif u diżinfezzjoni fuq il-qasam infettat skont ir-regola 11. Iż-żona ta' protezzjoni għandha, minn hemm 'il quddiem, tkun tagħmel parti miż-żona ta' sorveljanza.

(4) Il-miżuri applikati fiż-żona ta' sorveljanza għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-oqsma kollha li jkollhom it-tjur f'dik iż-żona;

(b) il-kontroll tal-moviment tat-tjur u tal-bajd għat-tifqis fiż-żona;

(ċ) projbizzjoni fuq il-moviment tat-tjur 'il barra miż-żona matul l-ewwel ħmistax (15)-il jum, ħlief għal moviment

direttament lejn biċċerija ’l barra miż-żona ta’ sorveljanza identifikata mill-awtorità kompetenti;

(d) projbizzjoni fuq il-moviment ta’ bajd għat-tifqis ’il barra miż-żona ta’ sorveljanza, jekk mhux lejn post għat-tifqis identifikat mill-awtorità kompetenti. Qabel ma jintbagħtu, il-bajd u l-kaxxi tagħhom għandhom jiġu ddiżinfettati;

(e) projbizzjoni fuq il-moviment ta’ skart użat jew demel tat-tjur ’il barra miż-żona;

(f) projbizzjoni ta’ fieri, swieq, wirjiet u aggregazzjonijiet oħra ta’ tjur u għasafar oħra;

(g) mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b), il-projbizzjoni tat-trasport tat-tjur.

(5) Il-miżuri applikati fiż-żona ta’ sorveljanza għandhom jinżammu mill-anqas għal tletin (30) jum wara li titwettaq l-operazzjoni preliminari ta’ tindif u diżinfettar fuq il-qasam infettat skont ir-regola 11.

(6) Meta l-inkjesta epiżotjoloġika li għaliha ssir referenza fir-regola 7 tikkonferma li t-tfaqqigħ kien kkawżat minn infezzjoni, meta ma jkun hemm l-ebda evidenza ta’ tixrid laterali, id-daqs u d-dewmien taż-żoni ta’ protezzjoni jistgħu jiġu mnaqqsa skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

11. L-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li: Setgħat tal-awtorità kompetenti.

(a) tiddetermina l-arranġamenti li jippermettulha tintraċċa l-moviment ta’ bajd, tjur u għasafar miżmuma fil-kaptività;

(b) tesiġi lis-sid jew lil dak li jieħu ħsieb it-tjur u/jew ħamiem tat-tiġrija u/jew għasafar miżmuma fil-kaptività, sabiex jipprovdi informazzjoni li tikkonċerna t-tjur u l-bajd li jidħlu jew iħallu l-qasam, kif ukoll informazzjoni dwartiġrijiet jew wirjiet li fihom il-ħamiem tat-tiġrija jkunu ħadu sehem;

(ċ) tesiġi lill-persuni kollha involuti fit-trasport jew fil-kummerċjalizzazzjoni tat-tjur, bajd, ħamiem tat-tiġrija u għasafar miżmuma fil-kaptività biex jipprovdu informazzjoni li tikkonċerna l-moviment ta’ tjur, bajd, ħamiem tat-tiġrija u għasafar miżmuma fil-kaptività li huma jkunu ttrasportaw jew ikkumerċjalizzaw u li jipprovdu d-dettalji kollha li jikkonċernaw dik l-

informazzjoni.

(d) tapprova d-diżinfettanti li għandhom ikunu użati u l-konċentrazzjoni tagħhom;

(e) tiżgura li l-operazzjonijiet ta' tindif u diżinfezzjoni jkunu mwettqa taħt superviżjoni uffiċjali, skont struzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali u l-proċedura għat-tindif u d-diżinfettar tal-qasam infettat, kif provdut fit-Tieni Skeda.

Kampjuni u ttestjar.

12. Il-ġbir ta' kampjuni u ttestjar fil-laboratorju għall-identifikazzjoni tal-preżenza tal-*virus* tal-marda Newcastle għandhom jitwettqu skont it-Tielet Skeda.

Rekwiżiti tal-informazzjoni.

13. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-persuni stabbiliti fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza jiġu infurmati dwar ir-restrizzjonijiet fis-seħħ u għandha tagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri inkwistjoni.

Laboratorju Nazzjonali.

14. (1) Il-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali għandu jkollu faċilitajiet u persuni esperti li jippermettu li jsiru tipi ta' antiġeniċi u bijoloġiċi sħaħ tal-*virus* tal-marda Newcastle f'kull waqt;

(2) Il-vaċċini mħollija għal użu profilattiku fil-pajjiż jew għal ħażniet ta' użu ta' emerġenza jistgħu jiġu ttestjati għall-effikaċja, qawwa u purità fil-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali.

(3) Il-laboratorji nazzjonali elenkati fir-Raba' Skeda għandhom ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni ta' normi u metodi ta' dijanjożi, użu ta' reaġenti u ttestjar ta' vaċċini.

(4) Il-laboratorji nazzjonali elenkati fir-Raba' Skeda għandhom ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni tal-istandards u l-metodi ta' dijanjożi stabbiliti għal kull laboratorju dijanjostiku tal-marda Newcastle f'Malta u Għawdex. Għal dan il-għan:

(a) jistgħu jipprovdu reaġenti dijanjostiċi lil-laboratorji nazzjonali;

(b) għandhom jikkontrollaw il-kwalità tar-reaġenti dijanjostiċi kollha użati;

(ċ) għandhom perjodikament jagħmlu arranġamenti għal testijiet komparattivi;

(d) għandhom iżommu iżolazzjonijiet tal-*virus* tal-marda

Newcastle minn każijiet ikkonfermati;

(e) għandhom jiżguraw il-konferma ta' riżultati pożittivi miksuba f'laboratorji dijanjostiċi reġjonali;

(5) Il-laboratorji nazzjonali elenkati fir-Raba' Skeda għandhom jikkoordinaw mal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li għalih issir referenza fir-regola 15.

Il-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea.

15. (1) Il-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li għalih issir referenza fis-subregola (5) tar-regola 14, għandu jkollu l-funzjonijiet u l-obbligi segwenti:

(a) li jikkoordina, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi użati fl-Istati Membri għad-dijanjożi tal-marda Newcastle, speċifikament permezz:

(i) tal-identifikazzjoni, tal-ħażna u forniment ta' varjazzjonijiet tal-*virus* tal-marda Newcastle għal testijiet seroloġiċi u l-preparazzjoni ta' antisera;

(ii) tal-forniment ta' sera normali u reaġenti oħra ta' referenza lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;

(iii) tal-ħolqien u ż-żamma ta' kollezzjoni ta' varjazzjonijiet u iżolati tal-*virus* tal-marda Newcastle;

(iv) tal-organizzazzjoni ta' testijiet perjodiċi komparattivi ta' proċeduri dijanjostiċi fil-livell tal-Unjoni;

(v) tal-ġbir u l-organizzazzjoni ta' dejta u informazzjoni dwar metodi ta' dijanjożi użati u r-riżultati ta' testijiet imwettqa fl-Unjoni;

(vi) tal-karatterizzazzjoni ta' iżolati tal-*virus* tal-marda Newcastle bil-metodi l-aktar aġġornati disponibbli għall-promozzjoni ta' għarfien akbar tal-epidemjoloġija tal-marda Newcastle;

(vii) tal-aġġornament ma' żviluppi fis-sorveljanza tal-marda Newcastle, epidemjoloġija u prevenzjoni fid-dinja kollha;

(viii) taż-żamma ta' għarfiendwar il-*virus* tal-marda Newcastle u *viruses* pertinenti oħra biex jgħinu f'dijanjożi rapida ddifferenzjata;

(ix) tal-kisba ta' tagħrif profond dwar il-preperazzjoni u l-użu ta' prodotti ta' immunoloġija veterenarja użati fl-eradikazzjoni u l-kontroll tal-marda Newcastle;

(b) li jassisti b'mod attiv fid-dijanjożi tat-tfaqqigħ tal-marda Newcastle fl-Istati Membri billi jirċievi iżolati tal-*virus* għal dijanjożi ta' konferma, karatterizzazzjoni u studji ta' epidemjoloġija;

(ċ) li jiffaċilita t-taħriġ u taħriġ mill-ġdid ta' esperti fid-dijanjożi laboratorja bil-għan tal-armonizzazzjoni ta' tekniki fl-Unjoni kollha.

(2) In-nominazzjoni tal-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda Newcastle msemmi fi Skeda V tad-Direttiva 92/66/EEC, għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda Newcastle jiġi nnominat skont l-artikolu 15 tad-Direttiva 92/66/EEC, kif sostitwit permezz tad-Direttiva (UE) 2018/597 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018.

Rekwiżiti għat-tilqim.

16. (1) It-tilqim kontra l-marda Newcastle b'vaċċini awtorizzati mill-awtorità kompetenti jista' jiġi użat għal skop profilattiku jew biex jissuplimenta l-miżuri ta' kontroll imwettqa meta titfaċċa l-marda.

(2) L-uniċi vaċċini permessi huma dawk li jkunu rċevew l-awtorizzazzjoni tas-suq mill-awtorità kompetenti.

(3) Jistgħu jiġu stabbiliti kriterji ulterjuri għall-użu ta' vaċċini kontra l-marda Newcastle skont il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni meta jitwettaq tilqim profilattiku volontarju jew obbligatorju kontra l-marda Newcastle.

(5) L-informazzjoni mogħtija skont is-subregola (4) għandha tispeċifika:

(a) il-karatteristiċi u l-kompożizzjoni tal-vaċċina li tkun ser tiġi użata;

(b) il-proċeduri għas-superviżjoni tad-distribuzzjoni, ħażna u użu tal-vaċċini;

(ċ) l-ispeċi u l-kategoriji ta' tjur li jistgħu jew li

għandhom ikunu suġġetti għat-tilqim;

(d) iż-żoni li fihom it-tilqima tista' jew għandha tingħata;

(e) ir-raġunijiet li għalihom għandha tingħata t-tilqima .

(6) L-awtorità kompetenti tista' tipprovdi għat-twaqqif ta' programm ta' tilqim għall-ħamiem tat-tlielaq. Meta dan ikun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni. Bla ħsara għal programm bħal dan, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-organizzaturi tat-tlielaq u tal-wirjiet jieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-ħamiem tat-tlielaq biss li jkun ingħata t-tilqim kontra l-marda Newcastle ikun jista' jiddaħħal f'tiġrijiet jew wirjiet.

Tilqim ta' speċi identifikati ta' tjur.

17. (1) Meta l-marda Newcastle tkun ġiet ikkonfermata, l-awtorità kompetenti, sabiex tissupplimenta l-miżuri l-oħra ta' kontroll li għalihom jipprovdu dawn ir-regoli, għandha s-setgħa li tispeċifika żona territorjali u perjodu li fih it-tilqima immedjata u sistematika (tilqim ta' emerġenza) ta' speċi identifikati tat-tjur għandha titwettaq taħt kontroll uffiċjali. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar Pjanti, Annimali, Ikel u Għalf (*PAFF Committee*), stabbilit permezz tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (EC) Nru 178/ 2002, dwar is-sitwazzjoni tal-marda Newcastle u l-programm ta' tilqim ta' emerġenza.

(2) Fil-każ li għalih tirreferi s-subregola (1), it-tilqim jew it-tilqim mill-ġdid ta' tjur f'qasam li jkun suġġett għar-restrizzjonijiet imsemmija fir-regola 4 huwa pprojbit.

(3) Fil-każ imsemmi fis-subregola (1):

(a) l-ispeċi identifikati tat-tjur għandhom jingħataw it-tilqim malajr kemm jista' jkun;

(b) it-tjur kollha tal-ispeċi identifikati mwielda fi, jew trasferiti lejn qasam fiż-żona tat-tilqim għandhom ikunu jew għandhom ikunu ġew mlaqqma;

(ċ) matul l-operazzjoni ta' tilqim li dwarha tipprovdi s-subregola (1), it-tjur kollha tal-ispeċi identifikati miżmuma fl-oqsma ġewwa ż-żona ta' tilqim għandhom jibqgħu hemmhekk ħlief:

(i) il-flieles ta' jum wieħed (1) li jkunu ttieħdu f'qasam fiż-żona tat-tilqim fejn għandhom jitlaqqmu;

(ii) it-tjur meħuda direttament lejn biċċerija għall-

qatla immedjata. Jekk il-biċċerija tkun tinsab ’il barra miż-żona tat-tilqim, il-moviment tat-tjur għandu jkun permess biss wara li l-veterinarju uffiċjali jkun wettaq spezzjoni dwar is-saħħa f’dak il-qasam;

(d) meta l-operazzjonijiet ta’ tilqim li dwarhom jipprovdi il-paragrafu (a) jkunu ġew kompletati, kwalunkwe movimenti ’l barra miż-żona tat-tilqim jistgħu jiġu awtorizzati għal:

(i) flieles ta’ jum wieħed (1) intenzjonati għall-produzzjoni tal-laħam jistgħu jiġu mċaqilqa lejn qasam fejn għandhom jitlaqqmu; il-qasam inkwistjoni għandu jinżamm taħt sorveljanza sakemm it-tjur li jkunu ġew mċaqilqa jkunu nqatlu;

(ii) tjur li jkunu tlaqqmu aktar minn wieħed u għoxrin (21) jum qabel u intenzjonati għall-qatla immedjata;

(iii) bajd għat-tifqis li joriġina minn tjur tat-tnissil li jkunu tlaqqqmu mill-anqas wieħed u għoxrin (21) jum qabel; il-bajd u l-ippakjar tagħhom għandhom jiġu ddiżinfettati qabel il-moviment.

(4) Il-miżuri li dwarhom jipprovdu l-paragrafi (b) u (d) tas-subregola (3) għandhom jiġu applikati għal perjodu ta’ tliet (3) xhur wara li jkunu ġew kompluti l-operazzjonijiet tat-tilqim li dwarhom tipprovdi s-subregola (1); dawn jistgħu jiġu estiżi għal perjodi addizzjonali wieħed jew aktar ta’ tliet (3) xhur.

(5) B’deroga mill-paragrafi (a) u (b) tas-subregola (3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ċerti merħliet ta’ valur xjentifiku partikolari minn tilqim sistematiku, kemm-il darba jittieħdu l-passi kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta’ saħħithom u jkunu suġġetti għal verifiki seroloġiċi perjodiċi.

Proċeduri ta’ investigazzjoni.

18. (1) Meta l-ħamiem tat-trasport jew l-għasafar li jinżammu fil-kaptività jkunu ssuspettati li huma infettati bil-marda Newcastle, il-veterinarju uffiċjali għandu minnufih jibda investigazzjoni uffiċjali biex jikkonferma jew jinnotifika l-preżenza tal-marda; partikolarment, huwa għandu jieħu kampjuni adegwati biex jiġu eżaminati fil-laboratorju jew jaċċerta li ġew meħuda.

(2) Malli tkun ġiet notifikata bis-suspett, l-awtorità kompetenti għandha tqiegħed il-qasam jew il-barumbara taħt sorveljanza uffiċjali u tordna li l-ebda ħamiema jew għasfur miżmum fil-kaptività, u xejn li x’aktarx jitrażmetti l-marda Newcastle, ma jkun jista’ jħalli l-

barumbara jew il-qasam.

(3) Il-miżuri li dwarhom jipprovdu s-subregoli (1) u (2) m'għandhomx jiġu irtirati sakemm is-suspett tal-marda Newcastle jkun ġie eliminat mill-veterinarju uffiċjali.

(4) Hekk kif il-preżenza tal-marda Newcastle tkun ġiet uffiċjalment ikkonfermata, l-awtorità kompetenti għandha, *inter alia*, tordna:

(a) l-applikazzjoni tal-kontroll u l-miżuri ta' eradikazzjoni li dwarhom tipprovdi r-regola 5(1)(a), (b), (e) u (f), għall-ħamiem tat-trasport jew għasafar miżmuma fil-kaptività u l-barumbari infettati bil-marda Newcastle; jew

(b) mill-anqas

(i) il-projbizzjoni fuq il-movimenti tal-ħamiem jew tal-għasafar miżmuma fil-kaptività 'l barra mill-barumbara jew qasam għal mill-anqas sittin (60) jum wara li s-sinjali kliniċi tal-marda Newcastle jkunu sparixxew;

(ii) id-distruzzjoni jew trattament ta' xi materjal jew skart li x'aktarx ikun ikkontaminat. It-trattament għandu jiggarantixxi l-qerda ta' kwalunkwe *virus* tal-marda Newcastle li jkun preżenti u l-iskart kollu li jkun akkumula matul il-perijodu ta' sittin (60) jum imsemmi fis-subparagrafu (i);

(ċ) inkjesta epiżotjoloġika skont ir-regola 7.

(5) Inkwantu dan huwa meħtieġ għall-applikazzjoni xieraqa tal-miżuri stabbiliti f'din ir-regola, l-awtorità kompetenti għandha tissottometti lill-Kummissjoni, fil-Kumitat Permanenti dwar Pjanti, Annimali, Ikel u Għalf, informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda u l-miżuri ta' kontroll applikati.

L-użu ta' *swill.*

19. (1) L-użu tas-*swill* li joriġina minn mezzi ta' trasport internazzjonali, bħalma huma bastimenti, vetturi tal-art jew inġenji tal-ajru, għandu jkun ipprojbit bħala għalf għat-tjur; dan is-*swill* għandu jiġi miġbur u meqrud taħt superviżjoni uffiċjali.

(2) L-użu ta' *swill* għajr kif imfisser fis-subregola (1), jew fdalijiet tat-tjur, jistgħu jiġu awtorizzati biss bħala għalf tat-tjur wara trattament bis-sħana f'faċilitajiet xierqa biex jiġi żgurat li l-mard ma jiġix trażmess u li l-*virus* tal-marda Newcastle jkun ġie meqrud.

Tħejjija ta' pjan ta' kontinġenza.

20. (1) L-awtorità kompetenti għandha tħejji pjan ta'

kontinġenza, li jispeċifika l-miżuri nazzjonali li għandhom ikunu implimentati f'każ li tfaqqa' l-marda Newcastle. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jiġi aġġornat , skont il-bżonn, sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni l-iżviluppi fis-sitwazzjoni.

(2) Il-pjan ta' kontinġenza għandu jippermetti aċċess għal faċilitajiet, tagħmir, impjegati u l-materjali adegwati l-oħra kollha meħtieġa għall-eradikazzjoni rapida u effiċjenti tat-tfaqqigħ tal-mard Newcastle. Għandu jagħti indikazzjoni preċiża tar-rekwiżiti tat-tilqim li l-awtorità kompetenti tqis li huma meħtieġa għal tilqim ta' emerġenza.

(3) Il-pjanijiet ta' kontinġenza u kwalunkwe aġġornament għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, li għandha tapprovahom jew jekk meħtieġ temendahom skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Verifiki fuq il-post..

21. L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jagħmlu verifiki fuq il-post. Għal dan il-għan, huma jistgħu jagħmlu verifika fuq perċentwal rappreżentattiv ta' stabbilimenti biex jaraw jekk l-awtorità kompetenti hix qed tivverifika li dawn l-istabbilimenti qed jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti dwar ir-riżultat tal-verifiki mwettqa. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa lil esperti fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli għandhom jiġu determinati skont il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Thassir tal-Avviż Legali 367 tal-2018.

22. L-Avviż Legali 367 tal-2018 huwa b'dawn imħassar.

L-EWWEL SKEDA
(Regola 4)

AWTORIZZAZZJONI BIEX JITNEĦĦEW BAJD MINN OQSMA, KIF SUĠĠETT GĦALL-KONDIZZJONIJIET TAR-REGOLA 4(2)(e)

L-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti biex jiġu trasportati bajd minn qasam issuspettat li jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tar-regola 4(2)(e), lejn stabbiliment approvat għall-manifattura u l-iproċessar ta' prodotti tal-bajd skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/437/KEE, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-istabbiliment identifikat, għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. sabiex ikunu mħollija li jitneħħew minn intrapriża ssuspettata, il-bajd għandu:

(a) jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV tal-Anness tad-Direttiva 89/437/KEE;

(b) jkun mibgħut direttament mill-intrapriża ssuspettata lejn l-istabbiliment identifikat; kull konsenja għandha tkun issiġillata qabel it-tluq mill-veterinarju uffiċjali tal-qasam issuspettat u għandha tibqa' ssiġillata matul it-trasport lejn l-istabbiliment identifikat;

2. il-veterinarju uffiċjali tal-intrapriża ssuspettata għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment identifikat bl-intenzjoni tiegħu li jibgħat il-bajd lilha;

3. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-istabbiliment identifikat għandha tassigura li:

(a) l-bajd li għalih issir referenza fil-partita 1(b) jinżamm iżolat minn bajd ieħor mill-waqt tal-wasla tiegħu sakemm ikun ipproċessat;

(b) l-qxur ta' dak il-bajd jiġi meqjus bħala Materjal tal-Kategorija 3 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (EC) Nru 1069/2009 u għandu jiġi mormi skont l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament;

(ċ) l-materjal tal-ippakjar, il-vetturi użati biex jiġi ttrasportat il-bajd li għalih issir referenza fil-partita 1(b) u l-bini kollu li miegħu l-bajd ikun ġie f'kuntatt, jiġu mnaddfa u ddiżinfettati b'tali mod li jinqered il-*virus* kollu tal-marda Newcastle;

(d) l-veterinarju uffiċjali tal-qasam issuspettat għandu jiġi infurmat dwar il-konsenji kollha ta' bajd ipproċessat.

IT-TIENI SKEDA
(Regola 5)

PROĊEDURA GĦAT-TINDIF U D-DIŻINFETTAR TA' QASAM INFETTAT

I. Tindif u diżinfettar preliminari

(a) malli l-karkassi tat-tjur ikunu ġew imneħħija għarrimi, dawk il-partijiet tal-bini li fihom it-tjur kienu jinżammu u kwalunkwe partijiet ta' xi bini ieħor, btieħi, eċċ., ikkontaminati matul il-qatla jew l-eżami ta' wara l-qatla, għandhom jiġu mraxxa b'diżinfettanti approvati għall-użu skont ir-regola 11;

(b) kwalunkwe bċejjeċ ta' tjur jew bajd li setgħu ikkontaminaw il-bini, btieħi, għodod, eċċ., għandhom ikunu miġbura b'attenzjoni u mormija mal-karkassi;

(ċ) id-diżinfettant użat għandu jibqa' fuq il-wiċċ għal mill-anqas erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

II. Tindif u diżinfettar finali

(a) ix-xaħmijiet u l-ħmieġ għandhom ikunu mneħħija mill-uċuħ kollha bl-applikazzjoni ta' aġent li jaqla' l-grass u maħsula bl-ilma;

(b) wara l-ħasil bl-ilma kif deskritt fil-paragrafu (a), għandu jkun hemm traxxix ulterjuri b'diżinfettant;

(ċ) wara sebgħat (7) ijiem il-bini għandu jkun trattat b'aġent li jaqla' l-grass, imlaħlaħ b'ilma kiesaħ, mraxxax b'diżinfettent u mlaħlaħ għal darb'oħra bl-ilma;

(d) ħmieġ użat u demel għandhom ikunu trattati b'metodu li jkun jista' joqtol il-*virus*. Dan il-metodu għandu jinkludi mill-anqas waħda (1) minn dawn il-prattiċi segwenti:

(i) inċinerazzjoni jew trattament bi fwar f'temperatura ta' 70°C;

(ii) irdim 'l isfel biżżejjed hekk li l-ġrieden u anninali oħra u għasafar salvaġġi ma jkollhomx aċċess;

(iii) stivar u tixrib (jekk meħtieġ biex tkun iffaċilitata l-fermentazzjoni), għata sabiex is-sħana tinżamm u tintlaħaq temperatura ta' 20°C; l-għata għandha tinżamm għal tnejn u erbgħin (42) jum biex ġrieden u anninali oħra u għasafar salvaġġi ma jkollhomx aċċess.

IT-TIELET SKEDA
(Regola 12)

PROĊEDURI DIJANJOSTIĊI GĦALL-KONFERMA U D-DIJANJOŻI DIFFERENZJALI TAL-MARDA NEWCASTLE

Il-proċeduri segwenti għall-iżolament u l-karatterizzazzjoni tal-*virus* tal-marda Newcastle għandhom ikunu meqjusa bħala linjigwida u l-mimima li għandha tkun applikata għad-dijanjożi tal-marda.

Il-*virus* responsabbli għall-marda Newcastle huwa l-*virus* prototipa tal-Paramyxoviridae. Preżentament, hemm disa' gruppi seroloġikament distingwibbli tal-Paramyxoviruses Avjani, li ġew enumerati bħala PMV-1 sa PMV-9. Il-*viruses* kollha tal-marda Newcastle huma mqiegħda fil-grupp PMV-1. Għall-iskopijiet tal-proċeduri dijanjostiċi għall-konferma u d-dijanjożi differenzjali tal-marda Newcastle, it-tifsira segwenti għandha tiġi applikata:

"Marda Newcastle" tfisser infezzjoni tat-tjur ikkawżata minn kwalunkwe varjazzjoni avjarja ta' paramyxovirus 1, b'indiċi ta' patoġeniċità intraċerebrali (ICPI)) fi flieles ta' jum wieħed (1) ta' aktar minn 0,7.

KAPITOLU 1
Teħid ta' kampjuni u trattament ta' kampjuni

1. Kampjuni

Swabs kloakali (jew ħmieġ) u swabs trakeali minn għasafar morda; ħmieġ jew kontenut intestinali, tessut mill-moħħ, trakea, pulmuni, fwied, mudullun u organi oħra ovvjament infettati minn għasafarli jkunu mietu reċentement.

2. Trattament ta' kampjuni

L-organi u t-tessut imniżżla fil-paragrafu (1) jistgħu jinġabbru flimkien, imma t-trattament separat tal-ħmieġ intestinali huwa essenzjali. Is-swabs għandhom jitqiegħdu f'medium antibijotiku suffiċjenti biex jiżgura immersjoni kompluta. Kampjuni ta'

ħmieġ intestinali u organi għandhom ikunu omoġenizzati (fi blender magħluq jew bl-użu tal-lida u l-mehrież u ramel sterili) f'medium antibijotiku u magħmul minn sospensjonijiet ta' 10-20% fil-medium. Is-sospensjonijiet għandhom jitħallew għal xi sagħtejn f'temperatura ambjentali (jew perjodi itwal ta 4°C) u mbagħad ikkjarifikati b'ċentrifugazzjoni (e.ż. 800 sa 1000g għal 10 minuti).

3. Medium antibijotiku

Laboratorji differenti użaw formulazzjonijiet varji ta' medium antibijotiku b'suċċess u l-laboratorji li għalihom hemm referenza fir-Raba' Skeda għandhom ikunu jistgħu joffru pariri għall-pajjiż partikolari. Konċentrazzjonijiet għolja ta' antibijotiċi huma meħtieġa għal kampjuni minn ħmieġ intestinali u taħlita tipika hija: 10,000 unitajiet/ml penicillin, 10 mg/ml streptomycin, 0,25 mg/ml gentamycin u 5,000units/ml mycostatin f'salina bbilanċjata bil-fosfat (PBS). Dawn il-livelli jistgħu jitnaqqsu għal wieħed minn ħamsa għal biċċiet u swabs trakeali. Għall-kontroll ta' organiżmi Chlamydia, jistgħu jiżdiedu 50 mg/ml oxytetracycline. Huwa imperattiv meta jsir il-medium li l-pH ikun ivverifikat wara ż-żjieda tal-antibijotiċi u aġġustat mill-ġdid għal pH 7,0-7,4.

KAPITOLU 2
Iżolament tal-*virus*

Iżolament tal-*virus* f'bajd ta' tjur li jkun fih l-embrijuni tal-fellus

Għandu jiġi injettat likwidu supernatenti kkjarifikat f'ammonti ta' 0,1-0,2 ml fil-kavità allantojika ta' kull wieħed (1) minn minimu ta' erba' (4) bajdiet tat-tjur li jkun fihom l-embrijuni tal-fellus, li ġew inkubati għal tmien (8) sa għaxart (10) ijiem. Idealment, dan il-bajd għandu jiġi miksub minn merħla speċifika ħielsa minn patoġeni, imma meta dan ma jkunx prattikabbli huwa aċċettabli li jkun użat bajd minn merħliet murija li huma ħielsa mill-antikorpi tal-*virus* tal-marda Newcastle. Il-bajd injettat huwa miżmum fi 37°C u eżaminat kontra d-dawl kuljum. Bajd b'embrijoni mejta jew li qegħdin imutu, skont il-każ, u l-bajd kollu li jkun baqa' wara sitt ijiem mit-tilqima għandhom ikunu mkessħa għal 4°C u l-fluwidi allantojiċi-amnijotiċi ttestjati għal attività ta' emoagglutinazzjoni. Jekk l-ebda emoagglutinazzjoni ma tiġi nnutata, il-proċedura hawn fuq imsemmija għandha tiġi rrepetuta bl-użu ta' fluwidu mhux imħallat allantojiku-amnijotiku bħala l-materjal tat-tilqima.

Meta tiġi nnutata l-emoagglutinazzjoni, il-preżenza tal-batterji għandha tkun eskluża mill-kultura. Jekk il-batterji jkunu preżenti, il-fluwidi jistgħu jiġu mgħoddija minn filtru ta' membrana 450 nm, jiżdiedu antibijotiċi ulterjuri u jiġu injettati fil-bajd bl-embrijuni kif spejgat aktar 'il fuq.

KAPITOLU 3
Dijanjożi differenzjali

1. Differenzjazzjoni preliminari

Huwa intenzjonat li l-*viruses* kollha emoagglutinazzjonati għandhom ikunu ssottomessi lil-laboratorju nazzjonali li għalih hemm referenza fir-Raba' Skeda għal identifikazzjoni sħiħa, karatterizzazzjoni u testijiet ta' patoġeniċità. Madankollu, huwa importanti li jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun miżuri temporanji ta' kontroll għall-marda Newcastle li jkollhom l-għan li jillimitaw it-tixrid tal-*virus* u l-laboratorji reġjonali għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw il-preżenza tal-*virus* tal-marda Newcastle. Il-fluwidi emoagglutinazzjonati għandhom, għalhekk, ikunu użati f'test ta' inibizzjoni ta' emoagglutinazzjoni kif deskritt fil-Kapitoli 5 u 6. Inibizzjoni pożittiva i.e. 24, jew aktar, bil-*virus* speċifiku tal-marda Newcastle ta' polyclonal antiserum ta' konċentrazzjoni magħrufa li jkun mill-anqas 29 għandu jservi bħala identifikazzjoni preliminari biex jiffaċilita l-impożizzjoni ta' miżuri ta' kontroll temporanju.

2. Identifikazzjoni konfermatorja

Il-laboratorju nazzjonali għandu jagħmel dijanjożi differenzjali ta' kull aġent ta' emoagglutinazzjoni. Il-konferma tal-*virus* tal-marda Newcastle ikun għal darb'oħra b'inibizzjoni f'testijiet ta' inibizzjoni ta' emoagglutinazzjoni b'antisera monospeċifika tal-flieles. Testijiet ta' indiċi intraċerebrali ta' patoġeniċità kif deskritti fil-Kapitolu 7 għandhom jitwettqu fuq l-iżolati pożittivi kollha. Indiċi ta' patoġeniċità ta' aktar minn 0,7 jindikaw il-preżenza ta' *virus* li jkun jeħtieġ implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ta' kontroll.

Żviluppi riċenti fl-identifkazzjoni tal-*virus* tal-marda Newcastle, partikolarment teknika ta' antikorp monoklonali, iffaċilitaw ir-raggruppament ta' varjazzjonijiet u iżolati. Partikolarment, ċerti antikorpi monoklonali huma disponibbli li huma speċifiċi għall-varjazzjonijiet vaċċinali użati fit-territorju tal-Unjoni u jistgħu jkunu użati f'testijiet sempliċi ta' inibizzjoni ta' emoagglutinazzjoni.

Peress li l-varjazzjonijiet ħajjin tal-vaċċina jistgħu ta' spiss ikunu iżolati mit- tjur li jkunu ttieħdu bħala kampjun, il-vantaġġ tal-identifikazzjoni rapida fil-laboratorju nazzjonali li għalih hemm referenza fir-Raba' Skeda hija ovvja. Antikorpi monoklonali bħal dawn għandhom jinkisbu mil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni kif imsemmi fir-regola 14 u fornut lil-laboratorji nazzjonali ħalli tkun tista' ssir il-konferma tal-iżolament tal-*virus* vaċċinali.

Il-laboratorji nazzjonali għandhom jissottomettu l-aġenti kollha ta' emoagglutinazzjoni lil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni.

3. Aktar tipi u karatterizzazzjoni ta' iżolati

Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni għandu jirċievi il-viruseskollha ta' emoagglutinazzjoni mil-laboratorji nazzjonali għal aktar studji antiġeniċi u ġenetiċi biex ikun jista' jsir aktar apprezzament tal-epiżotjoloġija tal-mard(a) fl-Unjoni skont il-funzjonijiet u d-doveri tal-laboratorju ta' referenza.

KAPITOLU 4
Testijiet rapidi għall-identifikazzjoni tal-*virus* u tal-antikorpi tal-marda Newcastle

Testijiet rapidi għall-identifikazzjoni tal-*virus* tal-marda Newcastle f'għasafar imlaqqma u l-identifikazzjoni ta' antikorpi f'għasafar mhux imlaqqma huma spejagati hawn taħt:

1. Identifikazzjoni tal-*virus* tal-marda Newcastle

Ġew applikati diversi testijiet rapidi li jidentifikaw direttament l-antiġeni tal-marda Newcastle fid-dijanjożi ta' infezzjonijiet f'għasafar imlaqqma. Dawk l-aktar użati sal-lum huma testijiet ta' antikorpi floressenti fuq sezzjonijiet longitudinali tat-trakea u testijiet ta' antikorp tal-peroxidase tal-moħħ. Jidher li ma hemm l-ebda raġuni biex ikun hemm dubju li testijiet oħra diretti għall-identifikazzjoni ta' antiġeni jistgħu jiġu applikati għal infezzjonijiet bil-*virus* tal-marda Newcastle.

L-iżvantaġġ ta' testijiet bħal dawn huwa li jkun imprattikabbli li jiġu eżaminati s-siti potenzjali tar-replika tal-*virus* tal-marda Newcastle f'għasafar imlaqqma. Sabiex, pereżempju, in-nuqqas ta' evidenza tal-*virus* fit-trakea ma jkunx jipprekludi r-repplika tal-*virus* fl-imsaren. L-ebda metodu dirett ta' identifikazzjoni ma huwa rakkomandat għall-użu normali fid-dijanjożi tal-marda Newcastle, għalkemm f'ċirkustanzi speċifiċi testijiet bħal dawn jista' jkollhom rwol utli.

2. L-identifikazzjoni ta’ antikorpi f’għasafar mhux imlaqqma

Il-maġġoranza tal-laboratorji involuti fid-dijanjożi tal-marda Newcastle huma familjari mat-test ta’ inibizzjoni ta’ emoagglutinazzjoni u r-rakkomandazzjoni deskritta hawn taħt tirrigwarda dan it-test għall-kejl ta’ antikorpi tal-*virus*. Madankollu, jistgħu jintużaw proċeduri ta’ immunoassorbiment enzimatiku *(Elisa)* biex jiġu identifikati b’suċċess l-antikorpi tal-*virus*. Huwa ssuġġerit li jekk ikun hemm ix-xewqa li jkun użat it-test Elisa fil-livell ta’ laboratorju reġjonali, it-test għandu jkun issorveljat mil-laboratorju nazzjonali li għalih hemm referenza fir-Raba’ Skeda.

(a) Kampjuni

Kampjuni tad-demm għandhom jittieħdu mill-għasafar kollha jekk id-daqs tal-merħla jkun anqas minn 20 u minn 20 għasfur jekk il-merħliet ikunu akbar (dan jagħti probabbiltà ta’ 99% tal-identifikazzjoni mill-anqas ta’ serum pożittiv wieħed jekk 25% jew aktar tal-merħla jkunu pożittivi, indipendentament mid-daqs tal-merħla). Id-demm għandu jitħalla jagħqad u s-serum għandu jitneħħa għat-testijiet.

(b) Eżami għal antikorpi

Il-kampjunu individwali tas-serum għandhom ikunu ttestjati għall-abbiltà tagħhom li jinibixxu l-emoagglutinazzjoni tal-antiġenu tal-marda Newcastle f’testijiet normali ta’ inibizzjoni ta’ l-emagglutinazzjoni kif imfisser fil-Kapitolu 6.

Hemm xi ftit tad-dibattitu dwar jekk għandhomx ikunu użati 4 jew 8 unitijaiet ta’ emoagglutinin fit-test HI. Jidher li kull waħda minn dawn hija valida u l-għażla għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-laboratorji nazzjonali. Madankollu, l-antiġenu użat għandu jaffettwa l-livell li fih serum ikun meqjus pożittiv: għal 4 HAU, serum pożittiv huwa kwalunkwe li juri konċentrazzjoni ta’ 24 jew aktar, u għal 8 HAU, serum pożittiv huwa kwalunkwe li juri konċentrazzjoni ta’ 23 jew aktar.

KAPITOLU 5
Reaġenti ta’ testijiet ta’ emoagglutinazzjoni (HA)

1. Salina isotonika bbilanċjata bil-fosfat (PBS) (0,05 M) sa pH 7,0-7,4.

2. Ċelloli ħomor tad-demm (RBC) meħuda u miġbura minn minimu ta’ tliet (3) flieles ħielsa minn patoġeni speċifiċi (jekk ma jkunx disponibbli d-demm jista’ jittieħed minn għasafar li jkunu regolarment issorveljati u juru li huma ħielsa minn antikorpi NVD) f’volum ugwali ta’ soluzzjoni Alsever. Iċ-ċelloli għandhom jiġu maħsula tliet darbiet f’PBS qabel l-użu. Għat-test hija rakkomandata sospenzjoni ta’ 1% (ċellola ppakjata v/v) fil-PBS.

3. Hija rakkomandata varjazzjoni NDV Ulster 2C għall-użu bħala antiġenu standard.

Proċedura

(a) Itfa’ 0,025 ml PBS f’kull wieħed mit-tubi ta’ pjastra għall-mikrotitraġġ tal-plastik (għandhom jintużaw reċipjenti bil-qiegħ f’għamla "V").

(b) Qiegħed 0,025 ml tas-sospenzjoni tal-*virus* (i.e. likwidu allantojiku) fl-ewwel tubu.

(ċ) Uża dilwitur ta’ mikrotitrazzjoni biex tagħmel żewġ dilwizzjonijiet (1:2 sa 1:4096) ta’ *virus*, matul il-pjastra.

(d) Itfa’ għal darb’oħra 0,025 ml ta’ PBS f’kull tubu.

(e) Żid 0,025 ml ta’ 1% ċelloli ħomor tad-demm f’kull tubu.

(f) Ħallat billi ttektek bil-ħlewwa u qiegħed f’4°C.

(g) Il-plastri għandhom jinqraw 30 – 40 minuta wara, meta l-kontrolli jkunu qagħdu. Il-qari jsir billi l-pjastra tiġi mxaqqilba u tkun osservata l-preżenza jew in-nuqqas ta’ taqtir f’għamla ta’ demgħa tar-RBC. It-tubi mingħajr ebda HA għandhom inixxu bl-istess rata bħaċ-ċelloli ta’ kontroll mingħajr *virus*.

(h) Il-konċentrazzjoni HA hija l-ogħla dilwizzjoni li toħloq agglutinazzjoni tar-RBC. Dik id-dilwizzjoni tista’ titqies li jkun fiha unità HA waħda (HAU). Metodu aktar preċiż għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni HA huwa li jsiru testijiet

HA fuq *virus* minn dilwizzjonijiet inizjali b'varjazzjonijiet minimi, i.e. 1:3, 1:4, 1:5, 1:6, eċċ. Dan huwa rrakkommandat għal preparazzjoni eżatta ta' antiġenu għal testijiet ta' inibizzjoni ta' emoagglutinazzjoni (ara Kapitolu 6).

KAPITOLU 6

Reaġenti ta' testijiet ta' inibizzjoni ta' emoagglutinazzjoni (HI)

Reaġenti (ara Kapitolu 5)

(a) Salina bilanċjata bil-fosfat (PBS) -

(b) *Virus* li jkun fih fluwidu allantojiku dilwit bil-PBS biex ikun fih 4 jew 8 HAU kull 0,025 ml.

(ċ) 1% RBC tat-tiġieġ.

(d) Kontroll negattiv tas-serum tat-tiġieġ.

(e) Kontroll posittiv ta' serum.

Proċedura

(a) Itfa' 0,025 ml PBS f'kull wieħed mit-tubi tal-pjastra għall-mikrotitraġġ tal-plastik (reċipjenti bil-qiegħ f'għamla "V").

(b) Qiegħed 0,025 ml ta' serum fl-ewwel tubu tal-pjastra.

(ċ) Uża dilwitur ta' mikrotitrazzjoni biex tagħmel żewġ dilwizzjonijiet matul il-pjastra.

(d) Żid 0,025 ml ta' fluwidu allantojiku mħallat li jkun fih 4 jew 8 HAU.

(e) Ħallat billi ttektek u qiegħed il-pjastra f'4°C għal minimu ta' 60 minuta jew f'temperatura tal-kamra għal minimu ta' 30 minuta.

(f) Żid 0,025 ml ta' 1% RBC fit-tubi kollha.

(g) Ħallat billi ttektek bil-ħlewwa u qiegħed f' 4°C.

(h) Il-plastri għandhom jinqraw 30 – 40 minuta wara, meta l-kontrolli RBC jkunu qagħdu. Dan isir bix-xaqlib u l-osservazzjoni tal-preżenza jew nuqqas ta' taqtir f'għamla ta' demgħa bl-istess rata bħal dik tat-tubi kontrollati li jkun fihom ir-RBC (0,025 ml) u l-PBC (0,05 ml) biss.

(i) Il-konċentrazzjoni HI hija l-ogħla dilwizzjoni ta' antiserum ikkawżata bl-inibizzjoni sħieħa ta' 4 jew 8 unitajiet ta' *virus* (titrazzjoni HA biex tikkonferma l-preżenza tal-HAU meħtieġa, għandha tkun inkluża f'kull test).

(j) Il-validità tar-riżultati hija dipendenti mill-akkwist ta' konċentrazzjoni ta' anqas minn 23 għal 4 HAU jew 22 għal 8 HAU b'serum ta' kontroll negattiv u konċentrazzjoni f'dilwizzjoni waħda ta' konċentrazzjoni magħrufa ta' serum ta' kontroll pożittiv.

KAPITOLU 7

Test ta' indiċi intraċerebrali ta' patoġeniċità

1. Fluwidu allantojiku infettiv miksub frisk (il-konċentrazzjoni HA trid tkun akbar minn 24 mħallta 1:10 f'salina isotonika sterili; m'għandhomx jiġu użati antikorpi).

2. 0,05 ml ta' *virus* imħallat għandu jiġi injettat intraċerebralment f'kull wieħed minn għaxar (10) flieles ta' jum (1) (i.e. 24 siegħa; 40 siegħa wara t-tifqis). Il-flieles għandhom ikunu faqqsu minn bajd miksub minn merħla speċifika ħielsa minn patoġeni.

3. L-għasafar ikunu eżaminati f'intervalli ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa għal tmien (8) ġranet.

4. F'kull osservazzjoni kull għasfur għandu jingħata marka: 0 = normali; 1 = marid; 2 = mejjet.

5. L-indiċi huwa kkalkolat kif muri fl-eżempju li ġej:

Sinjali kliniċi	Jiem wara t-tilqim (numru ta' għasafar)										
	1	2	3	4	5	6	7	8	**Total**	Riżultat	
Normali	10	4	0	0	0	0	0	0	14 X 0	=	0
Morda	0	6	10	4	0	0	0	0	20 X 1	=	20
Mejtin	0	0	0	6	10	10	10	10	46 X 2	=	92
									Total	=	112

L-indiċi hija l-medja tar-riżultat għal kull għasfur għal kull osservazzjoni = 112/80 = 1,4

KAPITOLU 8

Assessjar tal-abbiltà għall-formazzjoni tal-plakka

1. Normalment huwa l-aħjar li tkun użata medda ta' dilwizzjoni ta' *virus* biex jiġi żgurat li numru ottimu ta' plakki jkunu preżenti fuq il-pjastra. Dilwizzjonijiet ta' parti-minn-għaxra sa 10-7 f'PBS għandhom ikunu biżżejjed.

2. Monosaffi konfluwenti ta' ċelloli ta' embrijuni ta' flieles jew linja ta' ċelloli adattati (per eżempju kilwa tal-bovini Madin-Darby) għandhom jitħejjew f'dixxijiet Petri ta' 5 ċm dijametru.

3. 0,2 ml ta' kull dilwizzjoni tal-*virus* tiġi miżjuda ma' kull wieħed minn żewġ dixxijiet Petri u l-*virus* jiġi mħolli jassorbi għal 30 minuta.

4. Wara ħasil għal tliet darbiet b'PBS, iċ-ċelloli infettati jkunu miksija b'medium relevanti li jkun fih 1% u/v agar u jew 0,01 mg/ml tripsina jew l-ebda tripsina. Huwa importanti li l-ebda serum ma jiġi miżjud mal-medium tal-kisi.

5. Wara 72 siegħa, inkubazzjoni f'37°C il-plakki għandhom ikunu ta' daqs suffiċjenti. Dawn l-aħjar li jidhru billi titneħħa l-kisja agar u jiġi msaffi l-monosaff taċ-ċellola b'etanol kristall vjola (0,5% u/v) f'25% v/v.

6. Il-*viruses* kollha għandhom jagħtu plakki ċari meta inkubati fil-preżenza tat-trispina fil-kisja. Meta t-trispina tkun nieqsa mill-kisja, huma biss il-*viruses* virulenti għall-flieles li jipproduċu l-plakki.

IR-RABA' SKEDA
(Regola 14)

LISTA TA' LABORATORJI NAZZJONALI GĦALL-MARDA NEWCASTLE

Malta	Laboratorju Veterinarju Nazzjonali Abattoir Square Albertown, Marsa Malta MRS 1123
